# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1934

## tas-27 ta' Ottubru 2015

## li jimponi dazju definittiv tal-antidumping fuq importazzjonijiet ta' ċerti aċċessorji ta' tubi u pajpijiet, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) tiegħu,

Billi:

### 1. PROĊEDURA

#### 1.1. Il-miżuri fis-seħħ

(1) Miżuri antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti aċċessorji ta' tubi u pajpijiet ("ATP" jew "il-prodott ikkonċernat") li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("il-pajjiż ikkonċernat" jew "iċ-Ċina") u t-Tajlandja kienu oriġinarjament imposti bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 584/96 [2] (il-"miżuri oriġinali") u estiżi l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 803/2009 [3] (il-"miżuri fis-seħħ").

(2) Skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku, il-miżuri oriġinali kienu estiżi għal importazzjonijiet ikkonsenjati mit-Tajwan, l-Indonesja, is-Sri Lanka u l-Filippini, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw rispettivament fit-Tajwan, l-Indoneżja, is-Sri Lanka u l-Filippini kif ukoll jekk le, bir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 964/2003 [4], (KE) Nru 2052/2004 [5], (KE) Nru 2053/2004 [6] u (KE) Nru 655/2006 [7].

(3) Id-dazji antidumping fis-seħħ huma 58,6 % għall-kumpaniji kollha.

---

(1) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 584/96 tal-11 ta' Marzu 1996 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti aċċessorji ta' tubi jew pajpijiet, tal-ħadid jew l-azzar, li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, il-Kroazja u t-Tajlandja, u li tiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost (ĠU L 84, 3.4.1996, p. 1).

(3) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 803/2009 tas-27 ta' Awwissu 2009 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti fittings ta' tubi u pajpijiet, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mit-Tajlandja, u dawk kunsinjati mit-Tajwan, kemm jekk dikjarati bħala oriġinarji mit-Tajwan, kif ukoll jekk mhumiex, u li jirrevoka l-eżenzjoni mogħtija lil Chup Hsin Enterprise Co. Ltd u Nian Hong Pipe Fittings Co. Ltd. (ĠU L 233, 4.9.2009, p. 1).

(4) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 964/2003 tat-2 ta' Ġunju 2003 li jimponi dazji definittivi ta' kontra d-dumping fuq importazzjonijiet ta' ċerti tubi jew pajpijiet aċċessorji, tal-ħadid u l-azzar, li joriġinaw mir-Repubbliki tal-Popli taċ-Ċina u t-Tajlandja, u dawk ikkunsinnati mit-Tajwan, sewwa jekk le, iddikjarati bħala oriġinarji mit-Tajwan (ĠU L 139, 6.6.2003, p. 1).

(5) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2052/2004 tat-22 ta' Novembru 2004 li jestendi d-dazju definittiv kontra d-dumping impost bir-Regolament (KE) Nru 964/2003 fuq l-importazzjonijiet ta' tagħmir ta' tubi jew ta' pajpijiet, tal-ħadid jew l-azzar, li jkunu ġejjin mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, għall-importazzjonijiet ta' tagħmir ta' tubi jew pajpijiet, tal-ħadid jew tal-azzar, li jkunu ġew kunsinnjati mill-Indoneżja, kemm jekk ikunu ddikjarati li ġejjin mill-Indoneżja u kemm jekk le (ĠU L 355, 1.12.2004, p. 4).

(6) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2053/2004 tat-22 ta' Novembru 2004 li jestendi d-dazju antidumping definittiv impost bir-Regolament (KE) Nru 964/2003 fuq l-importazzjonijiet ta' tagħmir ta' tubi jew pajpijiet, tal-ħadid jew l-azzar, ġejjin mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, għall-importazzjonijiet ta' tagħmir ta' tubi jew pajpijiet, tal-ħadid jew l-azzar, li jkunu ġew ikkunsinnati mis-Sri Lanka, kemm jekk ikunu dikjarati li ġejjin mis-Sri Lanka kif ukoll jekk le (ĠU L 355, 1.12.2004, p. 9).

(7) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 655/2006 tas-27 ta' April 2006 li jestendi d-dazji antidumping definittivi imposti bir-Regolament (KE) Nru 964/2003 dwar l-importazzjonijiet ta' fittings ta' tubi jew pajpijiet, tal-ħadid jew l-azzar, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, għall-importazzjonijiet ta' fittings ta' tubi jew pajpijiet, tal-ħadid jew l-azzar, ikkunsinnati mill-Filippini, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Filippini kemm jekk le (ĠU L 116, 29.4.2006, p. 1).

### 1.2. **Miżuri fis-seħħ fir-rigward ta' pajjiżi terzi oħra**

(4) Bħalissa hemm fis-seħħ miżuri antidumping fuq importazzjonijiet ta' ATP li joriġinaw fir-Russja u t-Turkija ([1]) u fuq importazzjonijiet ta' ATP li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea u mill-Malasja ([2]). Il-miżuri kontra t-Tajlandja skadew fl-4 ta' Settembru 2014 ([3]).

### 1.3. **Bidu ta' rieżami ta' skadenza**

(5) Fl-14 ta' Diċembru 2013, il-Kummissjoni Ewropea (il-"Kummissjoni") ippubblikat avviż tal-iskadenza imminenti ([4]) ta' miżuri antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti aċċessorji ta' tubi u pajpijiet tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u t-Tajlandja, u dawk ikkunsinnati mit-Tajwan, l-Indonesja, is-Sri Lanka u l-Filippini, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw rispettivament fit-Tajwan, l-Indoneżja, is-Sri Lanka u l-Filippini, kif ukoll jekk le.

(6) Fit-2 ta' Ġunju 2014, il-Kummissjoni rċeviet talba għall-bidu ta' rieżami ta' skadenza ta' dawn il-miżuri skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

(7) It-talba saret mid-Defence Committee of the Steel Butt-Welding Fittings Industry of the European Union ("l-applikant") f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw aktar minn 50 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni. It-talba hi bbażata fuq il-fatt li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx tirriżulta f'issoktar ta' dumping u dannu għall-industrija tal-Unjoni.

(8) Fit-3 ta' Settembru 2014, il-Kummissjoni bdiet rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni ppubblikat Notifika ta' Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([5]).

### 1.4. **Il-partijiet interessati**

(9) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkuntattjawha sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Minbarra dan, il-Kummissjoni speċifikament informat lill-applikant, lil produtturi, utenti u importaturi oħra magħrufa fl-Unjoni, lill-produtturi esportaturi fil-pajjiż ikkonċernat, u lill-awtoritajiet Ċiniżi dwar il-bidu tar-rieżami ta' skadenza u stednithom biex jikkooperaw.

(10) Il-partijiet interessati kollha kellhom l-opportunità li jikkummentaw dwar il-bidu tar-rieżami u li jitolbu smigħ mal-Kummissjoni u/jew l-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti tal-kummerċ.

#### 1.4.1. *Teħid tal-ampjun*

(11) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni indikat li hija tista' tieħu kampjuni minn partijiet interessati skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

(a) It-teħid ta' kampjun tal-produtturi tal-Unjoni

(12) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni ħabbret li hija kienet għażlet proviżorjament kampjun tal-produtturi tal-Unjoni u stiednet lill-partijiet interessati biex jikkummentaw. Il-kampjun intgħażel abbażi tal-volumi tal-produzzjoni u tal-bejgħ tal-prodott simili matul il-perjodu tal-investigazzjoni tar-rieżami fl-Unjoni filwaqt li ġiet żgurata firxa ġeografika u kien jikkonsisti fi tliet kumpaniji/gruppi ta' kumpaniji b'faċilitajiet ta' produzzjoni fl-Awstrija, Franza, il-Ġermanja u l-Italja. Ma waslu l-ebda kummenti u għalhekk il-kumpaniji magħżula b'mod proviżorju nżammew fil-kampjun finali.

---

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 78/2013 tas-17 ta' Jannar 2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti aċċessorji ta' tubi u pajpijiet tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Russja u mit-Turkija (ĠU L 27, 29.1.2013, p. 1).

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1283/2014 tat-2 ta' Diċembru 2014 li jimponi dazju definittiv tal-antidumping fuq importazzjonijiet ta' ċerti aċċessorji ta' tubi u pajpijiet, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea u mill-Malasja wara rieżami tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 (ĠU L 347, 3.12.2014, p. 17).

([3]) ĠU C 297, 4.9.2014, p. 12.

([4]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 35.

([5]) ĠU C 295, 3.9.2014, p. 6.

(13) Sussegwentement, wieħed mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun ma kienx f'pożizzjoni li jipprovdi risposta sħiħa għall-kwestjonarju u għalhekk ġie sostitwit minn produttur ieħor tal-Unjoni. Il-kampjun finali kien jikkonsisti fi tliet kumpaniji/gruppi ta' kumpaniji li jirrappreżentaw 57 % tal-produzzjoni tal-Unjoni u 58 % tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni, u b'faċilitajiet ta' produzzjoni f'erba' Stati Membri differenti (l-Awstrija, Franza, il-Ġermanja u l-Italja). Il-partijiet interessati ġew infurmati b'dan. Il-kampjun tqies bħala rappreżentattiv tal-industrija tal-Unjoni.

(b) Teħid tal-kampjun tal-importaturi

(14) Biex tiddeċiedi jekk it-teħid tal-kampjun kienx meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-importaturi mhux relatati sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu. Minn 12-il impotatur li pprovdew l-informazzjoni, sitta biss kienu qed jimpurtaw il-prodott ikkonċernat miċ-Ċina. Minn dawn is-sitt kumpaniji, intgħażel kampjun abbażi tal-volum tal-importazzjoni tal-prodott ikkonċernat fl-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni tar-rieżami filwaqt li ġiet żgurata firxa ġeografika, u dan kien jikkonsisti fi tliet importaturi li jinsabu fil-Ġermanja, il-Greċja u l-Italja.

(15) L-importaturi kollha li ppreżentaw ruħhom kienu infurmati dwar il-kampjun propost. Ma waslu l-ebda kummenti. Il-kampjun kien jirrappreżenta 15 % tal-importazzjonijiet totali tal-prodott ikkonċernat.

(c) It-teħid ta' kampjun tal-produtturi esportaturi fiċ-Ċina

(16) Biex tiddeċiedi jekk it-teħid ta' kampjun kienx meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi kollha fiċ-Ċina biex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tar-Repubblika taċ-Ċina għall-Unjoni Ewropea sabiex tidentifika u/jew tikkuntattja lil produtturi esportaturi oħrajn, jekk hemm minnhom, li jistgħu jkunu interessati li jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

(17) Produttur esportatur Ċiniż wieħed biss inizjalment resaq biex jipprovdi l-informazzjoni mitluba fil-formola tal-kampjunar. Għalhekk, ma kienx meħtieġ kampjun. Sussegwentement, kif imsemmi fil-premessa (20), dan il-produttur esportatur waqaf jikkoopera.

1.4.2. *Tweġibiet għall-kwestjonarju*

(18) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-produtturi u l-importatur tal-Unjoni fil-kampjun u lill-produttur esportatur Ċiniż imsemmi hawn fuq.

(19) Tweġibiet għall-kwestjonarji waslu mingħand it-tliet produtturi/grupp ta' produtturi tal-Unjoni fil-kampjun u tliet importaturi mhux relatati inklużi fil-kampjun.

(20) Il-produttur esportatur Ċiniż ma ppreżentax tweġiba għall-kwestjonarju.

1.4.3. *Żjarat ta' verifika*

(21) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset bżonnjuża għad-determinazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping u ħsara u għad-determinazzjoni ta' jekk l-impożizzjoni ta' miżuri tmurx kontra l-interess tal-Unjoni. Iż-żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku saru fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:

(a) Produtturi fl-Unjoni:

— Erne Fittings GmbH u l-kumpanija relatata Siekmann Fittings GmbH, Schlins, l-Awstrija,

— Vallourec Fittings S.A., Maubeuge, Franza,

— Virgilio Cena & Figli S.P.A., Brescia, l-Italja.

(b) Importaturi

— Biagini Piero & C., Altedo di Malalbergo, l-Italja,

— General Commercial & Industrial S.A., Ateni, il-Greċja,

— Manfred Geldbach Flansch und Fitting GmbH, Gelsenkirchen, il-Ġermanja.

### 1.5. **Perjodu tal-investigazzjoni tar-rieżami u l-perjodu kkunsidrat**

(22) L-investigazzjoni tal-probabbilità tal-kontinwazzjoni jew tar-rikorrenza tad-dumping kopriet il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2013 sat-30 ta' Ġunju 2014 ("il-perjodu tal-investigazzjoni tar-rieżami" jew il-"PIR").

(23) L-istħarriġ dwar ix-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' ssoktar jew rikorrenza ta' ħsara kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2011 sa tmiem il-perjodu tal-investigazzjoni tar-rieżami ("il-perjodu kkunsidrat").

### 1.6. **Żvelar**

(24) Il-Kummissjoni żvelat lill-partijiet interessati kollha l-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kienet beħsiebha żżomm fis-seħħ il-miżuri ta' antidumping u stiednet lill-partijiet interessati kollha sabiex jikkummentaw. Ma ġew ippreżentati l-ebda kummenti.

## 2. **IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI**

### 2.1. **Il-Prodott ikkonċernat**

(25) Il-prodott rieżaminat huwa l-istess bħal dak fir-rieżami ta' skadenza konkluż f'Awwissu 2009 ([1]), jiġifieri huwa tagħmir ta' tubi u pajpijiet (minbarra tagħmir tal-ħadid fondut, flanġijiet u tagħmir bil-kamin), tal-ħadid jew tal-azzar (ma jinkludix l-azzar inossidabbli) bl-akbar dijametru ta' barra li ma jaqbiżx is-609,6 mm, tat-tip li jiġi użat għall-issaldjar jew finijiet oħra, li joriġina fiċ-Ċina li bħalissa huwa klassifikat fil-kodiċijiet NM ex 7307 93 11, ex 7307 93 19 u ex 7307 99 80.

### 2.2. **Il-prodott simili**

(26) L-investigazzjoni wriet li dawn il-prodotti għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi bażiċi kif ukoll l-istess użi bażiċi:

— il-prodott ikkonċernat;

— il-prodott li huwa mmanifatturat u mibjugħ fis-suq domestiku fl-Arabja Sawdija, li serviet bħala pajjiż analogu; kif ukoll

— il-prodott li huwa mmanifatturat u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.

(27) Il-Kummissjoni kkonkludiet li dawn il-prodotti huma prodotti simili skont l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

## 3. **IL-PROBABBILTÀ TA' TKOMPLIJA JEW RIKORRENZA TAD-DUMPING**

### 3.1. **Kummenti preliminari**

(28) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk id-dumping kienx qed iseħħ u jekk l-iskadenza tal-miżuri eżistenti kellhiex il-probabbiltà li twassal għall-kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping.

---

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 803/2009 tas-27 ta' Awwissu 2009 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti fittings ta' tubi u pajpijiet, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mit-Tajlandja, u dawk kunsinjati mit-Tajwan, kemm jekk dikjarati bħala oriġinarji mit-Tajwan, kif ukoll jekk mhumiex, u li jirrevoka l-eżenzjoni mogħtija lil Chup Hsin Enterprise Co. Ltd u Nian Hong Pipe Fittings Co. Ltd. (ĠU L 233, 4.9.2009, p. 1).

(29) Kif imsemmi fil-premessi (18) u (19), filwaqt li ntbagħat kwestjonarju lill-produttur esportatur Ċiniż li ppreżenta ruħu matul l-eżerċizzju tat-teħid tal-kampjun, dan il-produttur esportatur sussegwentement ma pprovdiex tweġiba għall-kwestjonarju. Konsegwentement, l-ebda wieħed mill-produtturi esportaturi Ċiniżi ma kkoopera fl-investigazzjoni attwali u għalhekk kellu jsir użu mill-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

(30) F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet Ċiniżi u l-produttur esportatur Ċiniż imsemmi hawn fuq li ppreżenta ruħu matul l-eżerċizzju tat-teħid tal-kampjun ġew debitament innotifikati li n-nuqqas ta' risposta għall-kwestjonarju jkun meqjus mill-Kummissjoni bħala nuqqas ta' kooperazzjoni, u li għalhekk, il-Kummissjoni setgħet tapplika l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku dwar is-sejbiet fir-rigward taċ-Ċina. Kif imsemmi fil-premessa (20) hawn fuq, il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda risposta għall-kwestjonarju.

(31) Fuq din il-bażi, skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku, is-sejbiet fir-rigward tal-probabbiltà ta' tkomplija jew rikorrenza ta' dumping stabbiliti hawn taħt kienu bbażati fuq fatti disponibbli, b'mod partikolari fuq informazzjoni fit-talba għal rieżami ta' skadenza u l-istatistika disponibbli tal-Eurostat, li ġew iċċekkjati mill-ġdid mal-istatistika tal-importazzjoni miġbura skont l-Artikolu 14(6) tar-Regolament bażiku ("il-bażi tad-dejta tal-Artikolu 14(6)") u mal-informazzjoni miġbura matul il-verifiki fil-post tal-importaturi mhux relatati. Il-Bażi tad-Dejta tal-Istatistika Ċiniża dwar l-Esportazzjoni ġiet analizzata wkoll. Madankollu, l-analiżi wriet li d-dejta tagħha dwar il-volumi tal-importazzjoni qabżet sewwa l-volumi rreġistrati f'sorsi oħra disponibbli, b'mod partikolari fil-bażi tad-dejta tal-Artikolu 14(6). Bl-istess mod, il-prezzijiet medji rrapportati tagħha kienu fil-biċċa l-kbira fuq il-prezzijiet medji ta' sorsi oħra, inkluż il-prezz medju rapportat minn importaturi mhux relatati li kkooperaw. Għalhekk, għalkemm id-differenzi bejn id-dejta rappurtata minn kull sors ieħor disponibbli kienu negliġibbli, ġie stabbilit li d-dejta rrappurtata skont il-bażi tad-dejta Ċiniża kienet differenti b'mod sinifikanti mid-dejta rrapportata mis-sorsi l-oħrajn kollha analizzati mill-Kummissjoni. Għalhekk id-dejta rrapportata fil-Bażi tad-Dejta tal-Istatistika tal-Esportazzjoni Ċiniża kienet meqjusa mhux kredibbli f'dan il-każ.

### 3.2. **Dumping ta' importazzjonijiet matul il-perjodu tal-investigazzjoni tar-rieżami**

(a) *Il-pajjiż analogu*

(32) Skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, il-valur normali jiġi determinat fuq il-bażi tal-prezz jew tal-valur kostrutt f'pajjiż terz b'ekonomija tas-suq. Għal dan l-għan, kellu jintagħżel pajjiż terz b'ekonomija tas-suq ("il-pajjiż analogu").

(33) It-Tajlandja ntużat bħala pajjiż analogu fl-investigazzjoni oriġinali. Matul ir-rieżami ta' skadenza preċedenti l-Istati Uniti tal-Amerika ntużat bħala l-pajjiż analogu minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni minn produtturi Tajlandiżi.

(34) Għall-fini ta' din l-investigazzjoni, il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati fin-Notifika ta' Bidu li hi kienet qed tikkunsidra lir-Repubblika tal-Korea bħala pajjiż analogu possibbli peress li r-Repubblika tal-Korea, kuntrarjament għall-Istati Uniti, ma kellhiex miżuri tad-difiża tal-kummerċ fis-seħħ u produttur esportatur Korean kien ikkoopera fir-rieżami ta' skadenza li tikkonċerna l-miżuri fis-seħħ fuq importazzjonijiet tal-ATP mill-Malasja u r-Repubblika tal-Korea msemmija fil-premessa (4). Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet biex jikkummentaw dwar kemm hija xierqa din l-għażla iżda l-ebda waħda mill-partijiet ma pprovdiet kummenti.

(35) Il-Kummissjoni fittxet informazzjoni dwar produtturi ta' ATP f'pajjiżi oħrajn potenzjalment analogi, jiġifieri l-Bożnija-Ħerzegovina, l-Indja, l-Iżrael, il-Ġappun, l-Arabja Sawdija, it-Tajwan u t-Tajlandja u stiednet lill-produtturi magħrufa kollha tal-ATP f'dawn il-pajjiżi, inkluż il-produttur fir-Repubblika tal-Korea, biex jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa. Produttur wieħed biss fl-Arabja Sawdija kkoopera u ppreżenta tweġiba għall-kwestjonarju.

(36) Kif stabbilit fil-premessa (26), l-investigazzjoni wriet li l-ATP prodotti u mibjugħa fis-suq domestiku fl-Arabja Sawdija kellhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi bażiċi u l-istess użijiet finali bħall-prodott immanifatturat u esportat mill-produtturi esportaturi Ċiniżi lejn l-Unjoni.

(37) L-investigazzjoni ma żvelat l-ebda distorsjoni fis-suq domestiku tal-Arabja Sawdija. Għalkemm kien hemm produttur wieħed biss, ma kienx hemm miżuri tad-difiża tal-kummerċ fis-seħħ u l-produttur domestiku kien f'kompetizzjoni mal-importazzjonijiet miċ-Ċina, il-Korea t'Isfel, it-Tajlandja u l-Ġappun. Fuq din il-bażi ġie konkluż li l-livell ta' kompetizzjoni fis-suq tal-Arabja Sawdija kien sodisfaċenti

(38) L-investigazzjoni stabbilixxiet ukoll li l-kwantitajiet prodotti u mibjugħa fis-suq domestiku Sawdi kienu rappreżentattivi meta mqabbla mal-esportazzjonijiet totali miċ-Ċina lejn l-Unjoni, skont il-Eurostat.

(39) Kif imsemmi fil-premessa (45), l-investigazzjoni wriet li l-bejgħ domestiku tal-produttur tal-Arabja Sawdija tal-ATP kien, bħala medja, bit-telf. Madankollu, l-ispiża medja tal-produzzjoni nstab li kienet fl-istess livell bħal dik tal-industrija tal-Unjoni u d-dikjarazzjonijiet finanzjarji awditjati tħejjew fuq il-bażi ta' "negozju avvjat". Fuq din il-bażi, tqies li l-kumpanija se tibqa' vijabbli fil-futur prevedibbli.

(40) Meta jitqies dan ta' hawn fuq, l-Arabja Sawdija tqieset bħala pajjiż analogu xieraq skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku.

(b) *Valur normali*

(41) L-informazzjoni li waslet mingħand il-produttur li kkoopera fl-Arabja Sawdija ġiet użata bħala bażi għad-determinazzjoni tal-valur normali applikabbli għal produtturi esportaturi fiċ-Ċina.

(42) Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat jekk il-volum totali tal-bejgħ domestiku għall-produttur li kkoopera fl-Arabja Sawdija kienx rappreżentattiv matul il-perjodu tal-investigazzjoni tar-rieżami.

(43) Il-bejgħ domestiku tqies bħala rappreżentattiv jekk il-volum tal-bejgħ domestiku totali tal-prodott simili lil konsumaturi indipendenti fis-suq domestiku kien jirrappreżenta mill-inqas 5 % tal-volum totali tal-bejgħ għall-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni tar-rieżami. Il-volum tal-bejgħ totali tal-esportazzjoni kien stabbilit fuq il-bażi tal-istatistika tal-Eurostat, kif spjegat fil-premessa (31). Abbażi ta' dan, il-bejgħ domestiku fl-Arabja Sawdija tqies li huwa rappreżentattiv.

(44) Il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk il-bejgħ domestiku tal-prodott simili jistax jitqies bħala li sar fil-perkors normali tal-kummerċ skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku.

(45) L-investigazzjoni stabbiliet li matul perjodu ta' żmien estiż il-prezz tal-bejgħ domestiku medju peżat kien taħt l-ispiża medja peżata tal-produzzjoni. Għalhekk ma setax jitqies bħala li sar fil-perkors normali tal-kummerċ. Konsegwentement, il-valur normali nħadem fuq il-bażi tal-ispiża tal-manifattura li magħha ġie miżjud ammont raġonevoli ta' spejjeż tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi (selling, general and administrative, "SG&A") u l-profitt ġie miżjud f'konformità mal-Artikoli 2(3) u 2(6) tar-Regolament bażiku.

(46) Skont l-introduzzjoni tal-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku l-ispejjeż SG&A ġew stabbiliti abbażi ta' dejta mingħand il-produttur li kkoopera fil-pajjiż analogu. Fin-nuqqas ta' kull informazzjoni fir-rigward tal-profitt attwali tal-produttur esportatur, livell raġonevoli ta' profitt kien użat f'konformità mal-Artikolu 2(6)(c) tar-Regolament bażiku. Marġini ta' profitt ta' 5 % kien meqjus bħala raġonevoli fl-industrija tax-xogħol tal-metall. Il-marġni ta' dumping ammonta għal 136 %.

(c) *Prezz tal-esportazzjoni*

(47) Il-prezz tal-esportazzjoni ġie bbażat fuq fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, jiġifieri fuq l-istatistika tal-Eurostat kontroverifikata mal-informazzjoni pprovduta mill-applikant fit-talba, il-bażi tad-dejta tal-Artikolu 14(6) u dejta miksuba minn importaturi mhux relatati li kkooperaw.

(d) *Tqabbil*

(48) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika. Fejn dan kien iġġustifikat għall-iskop ta' paragun ġust, il-valur normali u/jew il-prezz tal-esportazzjoni ġew aġġustati għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-paragunabilità tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Saru aġġustamenti għall-ispejjeż tat-trasport (trasport bil-baħar), l-ispejjeż tal-assigurazzjoni u l-ħlasijiet tal-approvazzjoni doganali, ibbażat fuq informazzjoni vverifikata provduta minn importaturi mhux relatati.

(e) *Marġini tad-dumping*

(49) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali medju peżat mal-prezz tal-esportazzjoni medju peżat skont l-Artikolu 2(11) u 2(12) tar-Regolament bażiku. Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi Ċiniżi, it-tipi ta' prodotti esportati miċ-Ċina ma setgħux jiġu determinati. Għalhekk, ma kienx possibbli paragun skont it-tip ta' prodott.

(50) Fuq il-bażi ta' dan, il-marġni tad-dumping medju peżat espress bħala perċentwali tal-prezz fil-fruntiera tal-Unjoni fuq bażi tal-kost, l-assigurazzjoni u t-trasport (cost, insurance, freight, "CIF"), bid-dazju mhux imħallas, kien ta' aktar minn 136 %.

### 3.3. **Żvilupp tal-importazzjonijiet f'każ li jiġu revokati l-miżuri**

(a) *Kumment preliminari*

(51) Wara s-sejbiet ta' dumping matul il-perjodu tal-investigazzjoni tar-rieżami, il-Kummissjoni investigat il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dumping fin-nuqqas ta' miżuri. Ġew analizzati l-elementi li ġejjin: il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità libera fiċ-Ċina, l-imġiba tal-esportaturi Ċiniżi f'pajjiżi terzi oħra u kemm hu attraenti s-suq tal-Unjoni.

(b) *Kapaċità tal-produzzjoni u kapaċità libera fiċ-Ċina*

(52) Il-produzzjoni Ċiniża, il-kapaċità ta' produzzjoni u l-kapaċità libera ġew stabbiliti fuq l-istimi pprovduti mill-applikant. Fuq din il-bażi, il-volum totali tal-produzzjoni fiċ-Ċina ġie stmat li hu ta' 435 000 tunnellata u l-kapaċità totali ta' produzzjoni ġiet stmata li hi ta' 612 000 tunnellata. B'hekk, il-kapaċità libera totali fiċ-Ċina kienet stmata li hi ta' 177 000 tunnellata, li jirrappreżentaw kważi tliet darbiet il-konsum tal-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni tar-rieżami. Kif spjegat fil-premessi minn (53) sa (56), huwa probabbli li partijiet kbar ta' din il-kapaċità libera jiġu diretti mill-ġdid lejn l-Unjoni.

(c) *L-imġiba tal-esportazzjoni Ċiniża f'pajjiżi terzi oħra*

(53) Fin-nuqqas ta' informazzjoni disponibbli pubblikament u minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi Ċiniżi, il-livell tal-prezzijiet medji tal-esportazzjoni Ċiniżi lejn swieq oħra ta' pajjiżi terzi ma setgħux jiġu stabbiliti. Madankollu, il-produtturi esportaturi Ċiniżi kienu involuti fi prattiki kummerċjali inġusti fis-suq tal-Istati Uniti fejn miżuri antidumping kontra ATP ilhom fis-seħħ mill-1992. Fuq din il-bażi, u filwaqt li jitqiesu l-prattiki ta' dumping tal-imgħoddi u dawk attwali fis-suq tal-Unjoni, ma hemm l-ebda raġuni biex wieħed jemmen li l-esportaturi Ċiniżi se jbiddlu l-imġiba tal-prezzijiet tal-esportazzjoni fil-futur qrib.

(d) *L-attrattività tas-suq tal-Unjoni*

(54) Anki bid-dazji fis-seħħ, il-produtturi esportaturi Ċiniżi żiedu l-volumi tal-esportazzjoni tagħhom lejn l-Unjoni u s-sehem mis-suq tagħhom fl-Unjoni, li jindika li qed ikompli l-interess tal-produtturi esportaturi Ċiniżi fis-suq tal-Unjoni. Dan huwa kkonfermat ukoll minn prattiki preċedenti ta' evażjoni permezz tat-trasbord ta' ATPs mit-Tajwan, l-Indoneżja, is-Sri Lanka u l-Filippini (ara l-premessa (2)).

(55) Anki jekk jitqies li l-konsum domestiku fiċ-Ċina u f'pajjiżi terzi oħra jista' jiżdied, il-livell għoli ta' kapaċità żejda tal-produzzjoni fiċ-Ċina li jaqbeż bil-kbir il-konsum totali tal-Unjoni jissuġġerixxi li l-produtturi esportaturi Ċiniżi xorta se jkollhom kwantitajiet sinifikattivi disponibbli għall-esportazzjoni lejn is-suq tal-Unjoni jekk il-miżuri jitħallew jiskadu. Meta wieħed iqis li l-Istati Uniti, suq kbir ieħor tal-ATP, għandu miżuri ta' kontra d-dumping għolja fis-seħħ fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' ATP miċ-Ċina, huwa probabbli li kwantitajiet kbar ta' dawn il-kapaċitajiet żejda se jiġu diretti mill-ġdid lejn l-Unjoni jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

(56) Meta jitqiesu prattiċi ta' dumping tal-passat u l-preżent mill-produtturi esportaturi Ċiniżi, kif spjegat fil-premessa (50) hawn fuq, u l-fatt li ATP miċ-Ċina huma soġġetti għal miżuri antidumping meta jiġu importati fis-suq tal-Istati Uniti, huwa kkunsidrat li s-suq tal-Unjoni se jibqa' attraenti għall-produtturi esportaturi Ċiniżi.

### 3.4. **Il-konklużjoni dwar il-probabilità tat-tkomplija tad-dumping**

(57) L-investigazzjoni stabbilixxiet li l-importazzjonijiet Ċiniżi komplew jidħlu fis-suq tal-Unjoni bi prezzijiet suġġetti għal dumping sinifikanti matul il-perjodu tal-investigazzjoni tar-rieżami. Minħabba l-kapaċità libera sinifikanti disponibbli fiċ-Ċina (kważi tliet darbiet il-konsum tal-Unjoni), l-imġiba fl-esportazzjoni lejn is-suq tal-Istati Uniti u l-attrattività tas-suq tal-Unjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm probabbiltà ta' tkomplija ta' dumping jekk il-miżuri jitneħħew.

## 4. IL-PROBABBILTÀ TA' RIKORRENZA TAL-ĦSARA

### 4.1. Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni

(58) L-industrija tal-Unjoni ma kenitx suġġetta għal bidliet strutturali kbar meta mqabbla mal-perjodu tal-investigazzjoni tal-aħħar rieżami ta' skadenza msemmija fil-premessa (1) hawn fuq. Il-prodott simili ġie mmanifatturat minn 22 produttur magħruf fl-Unjoni matul il-PIR. Dawn jikkostitwixxu l-"industrija tal-Unjoni" skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

(59) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-PIR ġiet stabbilita fil-livell ta' 48 868 tunnellata. Il-Kummissjoni stabbilixxiet din iċ-ċifra fuq il-bażi tad-dejta pprovduta mill-applikant, li ġiet verifikata għal darb'oħra mad-dejta verifikata tal-kumpaniji fil-kampjun.

(60) Kif indikat fil-premessa (11), tliet produtturi/gruppi ta' produtturi tal-Unjoni ġew magħżula fil-kampjun finali. Il-kumpaniji/gruppi ta' kumpaniji kienu jirrappreżentaw 57 % tal-produzzjoni tal-Unjoni u 58 % tal-bejgħ tal-Unjoni (ara l-premessa (13) hawn fuq). Għalhekk, il-kampjun tqies rappreżentattiv tal-industrija tal-Unjoni.

### 4.2. Konsum tal-Unjoni

(61) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-konsum apparenti tal-Unjoni fuq il-bażi ta' (i) il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni fuq il-bażi tad-dejta pprovduta mill-applikant u (ii) l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi bbażati fuq il-Eurostat. Kif spjegat fil-premessa (31) id-dejta rrappurtata fil-Bażi tad-Dejta tal-Istatistika tal-Esportazzjoni Ċiniża nstabet li ma kenitx kredibbli u b'hekk, ma ġietx użata sabiex jiġu stabbiliti l-volumi tal-esportazzjoni miċ-Ċina.

(62) Il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

*Tabella 1*

**Il-konsum tal-Unjoni (tunnellati)**

| | 2011 | 2012 | 2013 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Konsum totali tal-Unjoni | 57 897 | 59 916 | 60 503 | 58 113 |
| *Indiċi* | *100* | *103* | *104* | *100* |

*Sors:* Dejta pprovduta mill-applikant u mill-Eurostat.

(63) Fl-2012 u fl-2013, il-konsum żdied kemxejn bi 3 % u 4 % rispettivament meta mqabbel mal-livell fl-2011 u laħaq 59 916-il tunnellata fl-2012 u 60 503 tunnellati fl-2013. Matul il-PIR naqas għal-livell kemxejn ogħla milli fl-2011, jiġifieri 58 113-il tunnellata. Il-konsum globali tal-Unjoni għalhekk baqa' stabbli matul il-perjodu kkunsidrat.

### 4.3. Importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat

#### 4.3.1. *Il-volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat*

(64) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-volum ta' importazzjonijiet fuq il-bażi tal-Eurostat. Il-volum totali ta' importazzjonijiet miċ-Ċina, kif muri fit-tabella ta' hawn taħt jinkludi l-importazzjonijiet ta' ATP li joriġinaw fiċ-Ċina u ATP ikkunsinnati mit-Tajwan, l-Indonesja, is-Sri Lanka u l-Filippini, minħabba l-estensjoni tal-miżuri fuq importazzjonijiet ikkunsinnati minn dawn il-pajjiżi kif imsemmi fil-premessa (2).

(65) L-importazzjonijiet lejn l-Unjoni miċ-Ċina żviluppaw kif ġej:

*Tabella 2*

**Il-volum tal-importazzjoni (tunnellati) u s-sehem mis-suq**

| | 2011 | 2012 | 2013 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| ATP li joriġinaw fiċ-Ċina | 3 739 | 6 789 | 7 091 | 8 058 |
| ATP ikkunsinnati mit-Tajwan, l-Indonesja, is-Sri Lanka u l-Filippini | 1 051 | 1 168 | 1 342 | 1 377 |
| Il-volum totali tal-importazzjonijiet miċ-Ċina | 4 790 | 7 957 | 8 433 | 9 435 |
| *Indiċi* | *100* | *166* | *176* | *197* |
| Sehem mis-suq | 8 % | 13 % | 14 % | 16 % |

*Sors:* Il-Eurostat.

(66) Matul il-perjodu kkunsidrat il-volum totali tal-importazzjonijiet miċ-Ċina żdied b'mod kontinwu u kważi rdoppja minn 4 790 tunnellata fl-2011 għal 9 435 tunnellata fil-PIR. Is-sehem mis-suq Ċiniż segwa l-istess tendenza u rdoppja matul il-perjodu kkunsidrat, minn 8 % fl-2011 għal 16 % fil-PIR.

4.3.2. *Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u t-twaqqigħ tal-prezz*

(67) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-prezzijiet tal-importazzjonijiet fuq il-bażi tal-Eurostat. Il-prezz medju tal-importazzjoni kif muri fit-tabella ta' hawn taħt jinkludi ATP li joriġinaw fiċ-Ċina u ATP ikkunsinnati mit-Tajwan, l-Indonesja, is-Sri Lanka u l-Filippini għall-istess raġunijiet stipulati fil-premessa (64). Fuq din il-bażi, il-prezz medju tal-importazzjonijiet fl-Unjoni mill-pajjiż ikkonċernat żviluppa kif ġej:

*Tabella 3*

**Prezzijiet tal-Importazzjoni (EUR/tunnellata)**

| | 2011 | 2012 | 2013 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| ATP li joriġinaw fiċ-Ċina | 1 347 | 1 646 | 1 299 | 1 179 |
| ATP kkunsinnati mit-Tajwan, l-Indonesja, is-Sri Lanka u l-Filippini | 2 200 | 2 700 | 2 633 | 2 623 |
| Medja taċ-Ċina | 1 534 | 1 801 | 1 511 | 1 388 |
| *Indiċi* | *100* | *117* | *98* | *90* |

*Sors:* Il-Eurostat.

(68) Matul il-perjodu kkunsidrat il-prezz medju tal-importazzjoni kien suġġett għal ċaqliq konsiderevoli. L-ewwel nett, il-prezz tela' bi 17 % minn EUR 1 534/tunnellata fl-2011 għal EUR 1 801/tunnellata fl-2012. Il-prezz tal-importazzjoni naqas fl-2013 għal EUR 1 511/tunnellata u għal EUR 1 388/tunnellata fil-PIR. B'mod globali, il-prezz tal-importazzjoni naqas b'10 % matul il-perjodu kkunsidrat.

(69) Il-Kummissjoni ddeterminat li kien hemm twaqqigħ tal-prezz matul il-perjodu ta' investigazzjoni billi qabblet il-prezz tal-bejgħ medju peżat tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun li huma żammew lil konsumaturi mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustat għal-livell tal-prezz mill-fabbrika u l-prezz medju tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat għall-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbiliti fuq il-bażi ta' spiża, assigurazzjoni u trasport (CIF) abbażi tal-Eurostat, b'aġġustamenti xierqa għad-dazji doganali u għall-ispejjeż ta' wara l-importazzjoni.

(70) Kif imsemmi fil-premessa (49), minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi Ċiniżi, it-tipi ta' prodotti esportati miċ-Ċina ma setgħux jiġu determinati. Għalhekk, ma kienx possibbli paragun fuq il-bażi tat-tip. It-tqabbil tal-prezzijiet sar għat-tranżazzjonijiet fl-istess livell ta' kummerċ, aġġustati kif dovut fejn neċessarju, u wara tnaqqis tar-rifużjonijiet u l-iskontijiet. Ir-riżultat tat-tqabbil kien espress bħala perċentwal tal-fatturat tal-industrija tal-Unjoni fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dan wera marġni ta' twaqqigħ tal-prezz b'medja peżata ta' 20,5 %.

4.3.3. *Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi*

(71) It-tabella li ġejja turi l-iżvilupp tal-importazzjonijiet lejn l-Unjoni minn pajjiżi terzi oħrajn matul il-perjodu meqjusa f'termini ta' volumi u sehem mis-suq, kif ukoll il-prezz medju ta' dawk l-importazzjonijiet.

*Tabella 4*

**Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi**

| | | 2011 | 2012 | 2013 | PIR |
|---|---|---|---|---|---|
| Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi | Volum f'tunnellati | 9 078 | 11 560 | 11 273 | 11 556 |
| | *Indiċi* | *100* | *127* | *124* | *127* |
| | Sehem mis-suq | 16 % | 19 % | 19 % | 20 % |
| | Prezz medju (EUR/tunnellata) | 2 596 | 2 473 | 2 584 | 2 442 |
| | *Indiċi* | *100* | *95* | *100* | *94* |

*Sors:* Il-Eurostat.

(72) Il-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra kiber minn madwar 9 078 tunnellata fl-2011 għal madwar 11 556 tunnellata fil-PIR, jiġifieri b'27 %. Din iż-żieda seħħet prinċipalment bejn l-2011 u l-2012, filwaqt li l-volumi tal-importazzjoni wara baqgħu relattivament stabbli sa tmiem il-PIR. Din iż-żieda hija riflessa fis-sehem mis-suq ta' dawn l-importazzjonijiet li żdiedu minn 16 % fl-2011 għal 19 % fl-2012 u mbagħad baqgħu relattivament stabbli b'żieda żgħira ta' 20 % fil-PIR. Il-medja tal-prezz tal-importazzjoni naqset b'5 % fl-2012 u mbagħad żdiedet b'5 % fl-2013. Fil-PIR reġgħet naqset b'6 %. Bħala medja, dawn il-prezzijiet kienu iktar baxxi mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni.

(73) Matul il-PIR, l-importazzjonijiet ġew prinċipalment mill-Vjetnam, il-Kambodja, it-Tajlandja, u l-Iżrael. Huma żviluppaw kif muri hawn taħt.

*Tabella 5*

**Volum ta' importazzjoni (tunnellati) minn pajjiżi terzi ewlenin oħra**

| Volum ta' importazzjonijiet għal kull pajjiż | 2011 | 2012 | 2013 | RIP |
|---|---|---|---|---|
| Il-Vjetnam | 1 158 | 1 602 | 2 635 | 2 562 |
| *Indiċi* | *100* | *138* | *228* | *221* |
| Il-Kambodja | 0 | 0 | 365 | 1 368 |
| *Indiċi* | *100* | *100* | *365* | *1 368* |

| Volum ta' importazzjonijiet għal kull pajjiż | 2011 | 2012 | 2013 | RIP |
|---|---|---|---|---|
| It-Tajlandja | 2 520 | 2 559 | 1 974 | 1 357 |
| *Indiċi* | *100* | *102* | *78* | *54* |
| L-Iżrael | 128 | 547 | 745 | 973 |
| *Indiċi* | *100* | *427* | *582* | *760* |

*Sors:* Il-Eurostat.

(74) L-importazzjonijiet mill-Vjetnam irduppjaw matul il-perjodu kkunsidrat u laħqu madwar 2 562 tunnellata fil-PIR. L-importazzjonijiet mit-Tajwan naqsu b'mod sinifikanti (b'47 %) sa mill-2011 u fil-PIR laħqu l-livell ta' 1 357 tunnellata. Fl-aħħar nett, l-importazzjonijiet mill-Kambodja u l-Iżrael żdiedu b'mod sinifikanti fil-perjodu kkunsidrat sa livell ta' 1 368 tunnellata u 973 tunnellata, rispettivament, fil-PIR.

### 4.4. **Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

4.4.1. *Rimarki ġenerali*

(75) Skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-eżaminar tal-impatt tal-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping fl-industrija tal-Unjoni kien jinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li influwenzaw l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat.

(76) Għall-iskop tal-analiżi tal-ħsara, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tal-ħsara makroekonomiċi u mikroekonomiċi. Il-Kummissjoni analizzat l-indikaturi makroekonomiċi fuq il-bażi tad-dejta li tinsab fit-talba għal rieżami; id-dejta tirrigwarda l-produtturi magħrufa kollha tal-Unjoni. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi mikroekonomiċi fuq il-bażi tad-dejta li tinsab fit-tweġibiet mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u d-dejta relatata mal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun. Iż-żewġ settijiet ta' dejta ġew misjuba li huma rappreżentattivi tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(77) L-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività, id-daqs tal-marġini ta' dumping u l-irkupru minn dumping preċedenti.

(78) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet medji tal-unità, il-kost tal-unità, il-kost lavorattiv, l-inventarji, il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti, u l-abbiltà li jinġabar il-kapital. Iċ-ċifri relatati mal-indikaturi mikroekonomiċi huma bbażati fuq dejta vverifikata mill-kumpaniji jew gruppi ta' kumpaniji fil-kampjun biss.

4.4.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

4.4.2.1. Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità

(79) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw matul il-perjodu kkunsidrat kif ġej:

*Tabella 6*

**Il-produzzjoni, il-kapaċità produttiva u l-użu tal-kapaċità**

| | 2011 | 2012 | 2013 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Volum tal-produzzjoni (tunnellati metriċi) | 53 797 | 54 951 | 54 572 | 48 868 |
| *Indiċi* | *100* | *102* | *101* | *90* |

| | 2011 | 2012 | 2013 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Kapaċità tal-produzzjoni (tunnellati metriċi) | 184 220 | 164 220 | 164 220 | 164 220 |
| *Indiċi* | *100* | *89* | *89* | *89* |
| Użu tal-kapaċità | 29 % | 33 % | 33 % | 29 % |

*Sors:* It-talba.

(80) Il-volum ta' produzzjoni baqa' relattivament stabbli bejn l-2011 u l-2013, iżda naqas fil-PIR b'10 % għal-livell ta' 48 868 tunnellata.

(81) Il-kapaċità tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni baqgħet fil-livell ta' 164 220 tunnellata mill-2012 wara tnaqqis ta' kapaċità ta' 11 % fl-2011. Il-kapaċità rapportata murija fit-tabella ta' hawn fuq kienet ibbażata, skont il-prassi standard ta' din l-industrija partikolari u l-metodu użat fil-proċedimenti ta' qabel imsemmija fil-premessa (4), fuq il-kapaċità massima teoretika fuq il-bażi ta' tliet xiftijiet kuljum, sitt ijiem fil-ġimgħa, 48 ġimgħa fis-sena. Madankollu, fir-realtà, l-industrija qed topera biss fuq il-bażi ta' żewġ xifts kuljum, ħamest ijiem fil-ġimgħa, 48 ġimgħa fis-sena. Il-kapaċità rrapportata għalhekk mhux neċessarjament tirrifletti b'mod preċiż il-kapaċità attwali matul il-PIR.

(82) L-użu tal-kapaċità matul il-PIR baqa' f'livell baxx ta' 29 %. Il-kapaċità ta' utilizzazzjoni żdiedet matul il-perjodu kkunsidrat biex laħqet il-livell ta' 33 % fl-2012 u l-2013. Dan jirrifletti żieda żgħira fil-volum tal-produzzjoni f'dawn is-snin. Kif spjegat fil-premessa (81), il-livell baxx ta' utilizzazzjoni tal-kapaċità huwa parzjalment minħabba l-metodu għall-kalkolu tal-kapaċità totali.

4.4.2.2. Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq

(83) Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw matul il-perjodu kkunsidrat kif ġej:

*Tabella 7*

**Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq**

| | 2011 | 2012 | 2013 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Il-volum tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni (tunnellati) | 44 030 | 40 399 | 40 797 | 37 121 |
| *Indiċi* | *100* | *92* | *93* | *84* |
| Sehem mis-suq | 76 % | 67 % | 67 % | 64 % |

*Sors:* It-talba.

(84) Il-volumi tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni naqsu bi 8 % fl-2012 meta mqabbla mal-volumi mibjugħa fl-2011. Żdiedu biss ftit fl-2013 u reġgħu naqsu fil-PIR għal-livell ta' 37 121 tunnellata, jiġifieri l-volum tal-bejgħ totali naqas b'16 % meta mqabbel mal-2011.

(85) It-tnaqqis fil-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni kien rifless fis-sehem mis-suq tagħhom, li naqas bi 12-il punt perċentwali matul il-perjodu kkunsidrat, jiġifieri minn 76 % fl-2011 għal 64 % fil-PIR.

4.4.2.3. L-impjiegi u l-produttività

(86) L-impjieg u l-produttività żviluppaw kif ġej tul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 8*

**L-impjiegi u l-produttività**

| | 2011 | 2012 | 2013 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Għadd ta' impjegati | 1 092 | 1 006 | 962 | 947 |
| *Indiċi* | *100* | *92* | *88* | *86* |
| Produttività (unità/impjegat) | 49 | 55 | 57 | 52 |
| *Indiċi* | *100* | *112* | *116* | *106* |

*Sors:* It-talba.

(87) Matul il-perjodu kkunsidrat in-numru ta' impjegati naqas progressivament b'14 %, minn 1 092 impjegat fl-2011 għal 947 impjegat fil-PIR. Billi l-produzzjoni baqgħet fl-istess livell fl-2012 u l-2013, il-produttività tal-ħaddiema tal-produtturi tal-Unjoni, imkejla bħala produzzjoni (f'tunnellati) għal kull persuna impjegata, għal kull sena, żdiedet bi 12 % u b'16 % rispettivament f'dawn is-snin meta mqabbla mal-2011. Fil-PIR, il-produttività naqset minħabba tnaqqis fil-produzzjoni iżda qabżet il-livell tal-2011 b'6 %.

4.4.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

4.4.3.1. Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(88) Il-prezzijiet medji peżati tal-bejgħ ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 9*

**Prezzijiet ta' bejgħ fl-Unjoni u spiża għal kull unità**

| | 2011 | 2012 | 2013 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Prezz medju ta' bejgħ għal kull unità fl-Unjoni fis-suq totali (EUR/tunnellati) | 2 774 | 2 902 | 2 808 | 2 892 |
| *Indiċi* | *100* | *105* | *101* | *104* |
| Spiża tal-produzzjoni għal kull unità (EUR/tunnellata) | 3 081 | 3 100 | 3 042 | 3 118 |
| *Indiċi* | *100* | *101* | *99* | *101* |

*Sors:* Dejta verifikata tal-kumpaniji fil-kampjun.

(89) Il-prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni baqgħu relattivament stabbli u wrew varjazzjonijiet minuri biss. Għalhekk dawn żdiedu b'5 % fl-2012, naqsu b'4 % fl-2013 u reġgħu żdiedu fil-PIR bi 3 %. Matul il-perjodu kkunsidrat, il-prezzijiet żdiedu b'kollox b'4 %. L-ispiża tal-produzzjoni għal kull unità segwa l-istess xejra, jiġifieri l-ewwel żdied

fl-2012, u wara naqas fl-2013 u reġa' żdied fil-PIR. Madankollu, dan iċ-ċaqliq kien minuri u biss bejn 1 % u 2 %. B'mod ġenerali, il-prezz tal-produzzjoni għal kull unità żdied b'1 % matul il-perjodu kkunsidrat. Għalhekk, iż-żieda kemxejn ogħla tal-prezzijiet tal-bejgħ matul il-perjodu kkunsidrat ippermettiet titjib tal-profitabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni, li madankollu baqgħet negattiva matul il-perjodu kkunsidrat kif muri fil-premessa (94).

4.4.3.2. Il-kost lavorattiv

(90) Il-kost lavorattiv medju tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żviluppa kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 10*

**Kost lavorattiv medju għal kull impjegat**

| | 2011 | 2012 | 2013 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Kost lavorattiv medju għal kull impjegat (EUR) | 53 347 | 54 409 | 55 868 | 55 715 |
| *Indiċi* | *100* | *102* | *105* | *104* |

*Sors:* Dejta verifikata tal-kumpaniji fil-kampjun.

(91) Il-kost lavorattiv medju għal kull impjegat kellu xejra kemxejn 'il fuq matul il-perjodu kkunsidrat. Bejn l-2011 u l-PIR, il-kost lavorattiv medju għal kull impjegat żdied b'4 % għal EUR 55 715. It-tnaqqis tal-persunal b'14 % fil-perjodu kkunsidrat ma ġabx ekonomiji immedjati għall-kumpaniji minħabba spejjeż li rriżultaw mit-terminazzjoni tal-kuntratti.

4.4.3.3. Inventarji

(92) Il-livelli tal-ħażna tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 11*

**Inventarji**

| | 2011 | 2012 | 2013 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Ħażniet tal-għeluq (tunnellati) | 6 657 | 6 851 | 6 807 | 5 749 |
| *Indiċi* | *100* | *103* | *102* | *86* |
| L-istokks tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni | 22 % | 21 % | 29 % | 21 % |

*Sors:* Dejta verifikata tal-kumpaniji fil-kampjun.

(93) L-istokk tal-għeluq l-ewwel żdied bi ftit fl-2012 u mbagħad naqas għal darb' oħra, b'1 % bejn l-2012 u l-2013 u b'16 % mill-2013 sal-PIR. B'kollox, l-istokks naqsu b'14 % matul il-perjodu kkunsidrat. Meta mqabbel mal-livell tal-produzzjoni, l-istokk tal-għeluq naqas b'punt perċentwali bejn l-2011 u l-PIR.

4.4.3.4. Il-profittabilità, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-abbiltà li jiġi ġġenerat il-kapital

(94) Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 12*

**Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redittu fuq l-investimenti**

| | 2011 | 2012 | 2013 | RIP |
|---|---|---|---|---|
| Profittabilità tal-bejgħ fl-Unjoni lil konsumaturi mhux relatati (% tal-fatturat tal-bejgħ) | – 11,2 % | – 5,5 % | – 8,3 % | – 9,1 % |
| Fluss tal-flus (EUR) | – 7 791 330 | – 518 192 | – 2 540 656 | – 1 790 761 |
| *Indiċi* | *100* | *1 504* | *307* | *435* |
| Investimenti (EUR) | 2 388 945 | 3 111 518 | 4 339 627 | 3 362 845 |
| *Indiċi* | *100* | *130* | *182* | *141* |
| Redditu fuq l-investimenti | – 21,4 % | – 18,8 % | – 13,6 % | – 15,3 % |

*Sors:* Dejta verifikata tal-kumpaniji fil-kampjun.

(95) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun billi esprimiet il-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ.

(96) Matul il-perjodu kkunsidrat l-industrija tal-Unjoni sofriet telf sinifikanti. Fl-2011 l-industrija rreġistrat telf ta' – 11,2 %, li naqas għal – 5,5 % fl-2012 u li reġa' żdied fl-2013 u fil-PIR għal – 8,3 % u – 9,1 %, rispettivament.

(97) Il-fluss tal-flus nett jirrappreżenta l-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni li jiffinanzjaw huma stess l-attivitajiet tagħhom. Il-fluss tal-flus baqa' negattiv matul il-perjodu kkunsidrat minkejja titjib, b'mod partikolari fl-2012.

(98) L-investimenti segwew tendenza ta' żieda u kienu relatati ma' titjib fis-sigurtà tal-proċess ta' produzzjoni, tnaqqis fil-konsum tal-enerġija u żieda fil-kompetittività u l-kwalità tal-ATP. L-investimenti żdiedu fl-2012 u għal darb'oħra fl-2013 iżda naqsu fil-PIR. Meta mqabbla mal-2011, l-investimenti żdiedu bi 30 % fl-2012, bi 82 % fl-2013 u b'41 % fir-RIP. Din iż-żieda fl-investimenti madankollu ma ssarfitx f'redditu pożittiv fuq l-investimenti, li huwa l-profitt f'perċentwali tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti. Dan kien ivarja bejn – 21,4 % fl-2011 u – 15,3 % fil-PIR.

4.4.3.5. Id-daqs tal-marġni tad-dumping u l-irkupru minn dumping preċedenti

(99) Il-marġni ta' dumping stabbilit mill-investigazzjoni huwa ferm ogħla mil-livell *de minimis*. L-impatt tad-daqs tal-marġini attwali ta' dumping fuq l-industrija tal-Unjoni huwa sostanzjali, minħabba l-volum u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat.

(100) L-industrija tal-Unjoni kienet għadha fi proċess ta' rkupru mill-effetti ta' dumping dannuż fil-passat minn importazzjonijiet ta' ATP li joriġinaw fir-Russja, it-Turkija, ir-Repubblika tal-Korea u l-Malasja.

### 4.5. **Konklużjoni dwar is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni**

(101) Kważi l-indikaturi tad-dannu ewlenin kollha wrew xejra negattiva. Il-volum tal-produzzjoni naqas b'9 % u l-kapaċità tal-produzzjoni bi 11 % matul il-perjodu kkunsidrat. L-industrija tal-Unjoni baqgħet b'telf importanti matul il-perjodu kollu kkunsidrat. Għalkemm tjieb ftit, it-telf tal-industrija tal-Unjoni kien jammonta għal – 9,1 % fil-PIR. Barra minn hekk, l-industrija tal-Unjoni kellha fluss ta' flus kontinwament negattiv u tnaqqis fl-impjieg ta' madwar 11 % fil-perjodu kkunsidrat. Barra minn hekk, il-bejgħ naqas b'16 % u s-sehem mis-suq tal-produtturi tal-Unjoni naqas bi 12-il punt perċentwali.

(102) L-inventarji tjiebu ftit billi naqsu b'14 % u l-investimenti żdiedu b'41 % matul il-perjodu kkunsidrat. Dawn tal-aħħar madankollu kienu neċessarji għall-produtturi tal-Unjoni, fost l-oħrajn, biex ikunu jistgħu jikkompetu fis-suq. Dan it-tkabbir biss, madankollu, ma jipprekludix l-eżistenza ta' dannu u għandu jidher aktar bħala parti mill-proċess ta' ristrutturar kontinwu tal-industrija tal-Unjoni.

(103) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal aktar 'il fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni sofriet dannu materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

## 5. **IL-PROBABBILTÀ TAL-KONTINWAZZJONI TAD-DANNU**

### 5.1. **L-impatt tal-volum proġettat tal-importazzjonijiet u l-effetti fuq il-prezzijiet f'każ ta' tħassir tal-miżuri**

(104) Fil-premessa (57), il-Kummissjoni kkonkludiet li r-revoka tal-miżuri probabbilment twassal għal tkomplija ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat.

(105) L-investigazzjoni wriet li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali matul il-perjodu tal-investigazzjoni tar-rieżami, li wassal, fost l-oħrajn, għal tnaqqis fil-produzzjoni, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq, l-impjiegi u nuqqas kontinwu ta' profitt kif imsemmi fil-premessa (101).

(106) Minkejja l-livell għoli ta' dazji fis-seħħ, il-volum tal-importazzjonijiet miċ-Ċina żdied b'mod sinifikanti matul il-perjodu kkunsidrat u konsegwentement is-sehem mis-suq Ċiniż irdoppja (ara l-premessa (65)). Il-pressjoni tal-prezz fis-suq tal-Unjoni baqgħet għolja ħafna fid-dawl tal-marġini sinifikanti ta' twaqqigħ tal-prezz misjub matul il-PIR.

(107) Barra minn hekk, kif imsemmi hawn fuq fil-premessa (52), il-kapaċità ta' produzzjoni żejda disponibbli fiċ-Ċina kienet tirrappreżenta kważi tliet darbiet il-konsum tal-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni tar-rieżami. Għalhekk, jekk il-miżuri jitneħħew, huwa probabbli li volumi kbar tal-prodott ikkonċernat se jippenetraw is-suq tal-Unjoni.

(108) Fid-dawl tal-imġiba tal-imgħoddi u dik attwali tal-prezz tal-produtturi esportaturi fil-pajjiż ikkonċernat huwa mistenni li l-importazzjonijiet se jkomplu jkunu bi prezzijiet ta' dumping u b'hekk iwaqqgħu b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni. Importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping ċertament iħallu impatt negattiv fuq l-industrija tal-Unjoni. Dawn jeżerċitaw pressjoni fuq il-prezzijiet saħansitra aktar b'saħħitha fuq l-industrija tal-Unjoni u għalhekk jikkontribwixxu għal aktar deterjorament fir-riżultati finanzjarji tal-industrija tal-Unjoni. Dawn l-importazzjonijiet ikomplu jieħdu sehem mis-suq fis-suq tal-Unjoni b'dannu għall-industrija tal-Unjoni. Dan jirriżulta f'utilizzazzjoni tal-kapaċità saħansitra aktar baxxa mill-industrija tal-Unjoni li huwa wieħed mill-elementi kruċjali li jikkontribwixxu għar-riżultati negattivi tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat.

(109) Il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li r-revoka tal-miżuri fis-seħħ x'aktarx li tirriżulta f'kontinwazzjoni ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

## 6. **L-INTERESS TAL-UNJONI**

(110) Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk iż-żamma tal-miżuri antidumping eżistenti kontra ċ-Ċina tmurx kontra l-interessi tal-Unjoni b'mod ġenerali. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tal-bosta interessi involuti, inklużi dawk tal-industrija tal-Unjoni, tal-importaturi u tal-utenti.

(111) Il-partijiet interessati kollha ngħataw l-opportunità li jesprimu l-opinjonijiet tagħhom skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament bażiku.

(112) Fuq din il-bażi ġie eżaminat jekk, minkejja l-konklużjonijiet dwar il-probabbiltà ta' tkomplija ta' dumping u dwar il-probabbiltà ta' tkomplija ta' ħsara, kinux jeżistu raġunijiet b'saħħithom li jwasslu għall-konklużjoni li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li jinżammu l-miżuri eżistenti.

6.1. **L-interess tal-industrija tal-Unjoni**

(113) Il-miżuri antidumping fis-seħħ ma waqqfux lill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping milli jidħlu fis-suq tal-Unjoni u l-industrija tal-Unjoni ġarrbet ħsara materjali matul il-perjodu kkunsidrat.

(114) L-industrija tal-Unjoni wriet li hija industrija strutturalment vijabbli. L-isforzi bl-għan li jkun hemm razzjonalizzazzjoni tal-proċess tal-produzzjoni u titjib tal-kompetittività u l-kwalità rriżultaw matul il-PIR f'żieda fil-produttività (b'6 %) u fi tnaqqis fil-kapaċità tal-produzzjoni (bi 11 %). Huma kienu wkoll viżibbli permezz ta' investimenti (ara l-premessa (98)). Fl-aħħar nett, l-attività profittabbli ta' esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni żviluppat b'mod pożittiv li juri li kienet kompetittiva fi swieq ta' pajjiżi terzi (l-esportazzjonijiet tal-produtturi meħuda bħala kampjun żdiedu b'10 % matul il-perjodu kkunsidrat).

(115) Jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, l-influss probabbli ta' volumi sostanzjali ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat jikkawża aktar deterjorament għas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Huwa probabbli li dan l-influss jikkawża, fost l-oħrajn, tnaqqis ulterjuri fis-sehem mis-suq, tnaqqis fil-prezz tal-bejgħ, tnaqqis fl-użu tal-kapaċità u b'mod ġenerali deterjorament ulterjuri serju tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni.

(116) Għalhekk il-Kummissjoni kkonkludiet li ż-żamma tal-miżuri antidumping kontra ċ-Ċina tkun fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

6.2. **L-interess tal-importaturi u l-utenti mhux relatati**

(117) Tnax-il importatur ikkooperaw fl-investigazzjoni attwali iżda sitta biss irrappurtaw importazzjonijiet ta' ATP mill-pajjiż ikkonċernat. Intgħażel kampjun ta' tliet importaturi mhux relatati li jirrappreżentaw 15 % tal-importazzjonijiet totali miċ-Ċina matul il-PIR. Il-prodott ikkonċernat kien jikkostitwixxi biss medja ta' madwar 10 % tal-bejgħ totali tagħhom. L-attività tan-negozju tagħhom li hija relatata mal-prodott ikkonċernat kienet profittabbli. Fuq din il-bażi, il-miżuri fis-seħħ ma affettwawx b'mod sinifikanti lill-importaturi vverifikati.

(118) L-investigazzjoni wriet ukoll li l-importaturi ssoktaw jimportaw il-prodott ikkonċernat f'volumi sinfikanti, u saħansitra żiduhom matul il-perjodu kkunsidrat. Għall-istess raġunijiet, huwa improbabbli li l-kontinwazzjoni tal-miżuri twassal għal deterjorament fil-qagħda ekonomika tagħhom fil-ġejjieni.

(119) L-ebda wieħed mill-utenti ma kkoopera jew ippreżenta ruħu fl-investigazzjoni attwali. In-nuqqas ta' kooperazzjoni tagħhom jidher li jikkonferma l-konklużjonijiet li ntlaħqu fl-investigazzjoni oriġinali li l-ATP jirrappreżentaw parti żgħira ħafna mill-ispejjeż totali tal-produzzjoni tagħhom u li l-miżuri fis-seħħ ma jidhrux li kkawżaw xi telf ta' kompetittività għalihom.

6.3. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(120) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm raġunijiet konvinċenti kontra l-estensjoni tal-miżuri antidumping fis-seħħ.

7. **MIŻURI ANTIDUMPING**

(121) Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-miżuri antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti fittings ta' tubi u pajpijiet li joriġinaw fiċ-Ċina għandhom jinżammu.

(122) B'konsegwenza ta' dan, l-estensjoni tal-miżuri għall-prodott ikkonċernat li joriġina fiċ-Ċina għal importazzjonijiet ikkunsinjati mit-Tajwan ([1]), l-Indonesja ([2]), is-Sri Lanka ([3]) u l-Filippini ([4]), kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mit-Tajwan, l-Indonesja, is-Sri Lanka u l-Filippini kif ukoll jekk le għandha wkoll tkompli.

(123) Dan ir-Regolament huwa skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Dazju definittiv tal-antidumping huwa impost fuq importazzjonijiet ta' aċċessorji ta' tubi u pajpijiet (għajr għall-aċċessorji fonduti, il-flanġijiet u l-aċċessorji bil-kamin), tal-ħadid jew tal-azzar (eskluż l-azzar inossidabbli), b'dijametru estern massimu ta' 609,6 mm, tat-tip li jiġi użat għall-iwweldjar tat-truf (butt-welding) jew xi użi oħra, li bħalissa jaqgħu fil-kodiċi NM ex 7307 93 11, ex 7307 93 19 u ex 7307 99 80 (kodiċi TARIC 7307 93 11 91, 7307 93 11 93, 7307 93 11 94, 7307 93 11 95, 7307 93 11 99, 7307 93 19 91, 7307 93 19 93, 7307 93 19 94, 7307 93 19 95, 7307 93 19 99, 7307 99 80 92, 7307 99 80 93, 7307 99 80 94, 7307 99 80 95 u 7307 99 80 98) u li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

2. Ir-rata tad-dazju antidumping definittiva applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodotti deskritti fil-paragrafu 1 u prodotti mill-kumpaniji elenkati hawn taħt tkun kif ġej:

| Pajjiż | Kumpanija | Rata tad-dazju (%) | Kodiċijiet addizzjonali TARIC |
|---|---|---|---|
| Iċ-Ċina | Il-kumpaniji kollha | 58,6 | — |

3. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Ottubru 2015.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 964/2003.
([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 2052/2004.
([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 2053/2004.
([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 655/2006.